

32000D0429

L 170/12

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

11.7.2000

## ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tas-6 ta' Lulju 2000

**li temenda d-Deċiżjoni 97/365/KE dwar it-tfassil ta' listi provisorji ta' stabbilimenti ta' pajjiżi terzi li minnhom l-Istati Membri jawtorizzaw importazzjoni ta' prodotti ppreparati mill-laħam ta' annimali tal-ifrat, ħnieżer, *equidae* u nagħaġ u mogħoż**

(mgħarrfa bid-dokument Nru Ċ(2000) 1844)

(Test b'rilevanza għall-EEE)

(2000/429/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Deċiżjoni tal-Kunsill 95/408/KE tat-22 ta' Ġunju 1995 dwar il-kundizzjonijiet għat-tfassil, għal perjodu temporanju, ta' listi provisorji ta' stabbilimenti ta' pajjiżi terzi li minnhom l-Istati Membri huma awtorizzati li jimportaw ċerti prodotti li joriġinaw mill-annimali, prodotti mis-sajd jew molluski bivalvi ħajjin<sup>(1)</sup>, kif emendata l-aħħar mid-Deċiżjoni 98/603/KE<sup>(2)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 2(1) tagħha,

Billi:

- (1) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 97/222/KE<sup>(3)</sup>, tistipula lista ta' pajjiżi terzi li minnhom l-Istati Membri jawtorizzaw l-importazzjoni ta' prodotti tal-laħam;
- (2) Għall-pajjiżi f'dik il-lista il-ħtiġiet ta' ċertifikazzjoni ta' saħħa tal-annimal u dik veterinarja għall-importazzjoni ta' prodotti tal-laħam ġew stipulati fid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 97/221/KE<sup>(4)</sup>;
- (3) Listi provisorji ta' stabbilimenti ta' pajjiżi terzi li minnhom l-Istati Membri jawtorizzaw importazzjoni ta' prodotti ppreparati mill-laħam ta' annimali tal-ifrat, ħnieżer, *equidae* u nagħaġ u mogħoż ġew stipulati bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 97/365/KE<sup>(5)</sup>;
- (4) Il-Kummissjoni rċeviet mill-Islovakkja lista ta' stabbilimenti, b'garanziji li jilhqqu bis-ħiħ il-ħtiġiet xierqa ta' saħħa tal-Komunità;

(5) Lista provisorja ta' stabbilimenti li jipproduċu prodotti preparati mill-laħam tal-annimali tal-ifrat, ħnieżer, *equidae* u nagħaġ u mogħoż tista' għalhekk titfassal rigward l-Islovakkja.

(6) Il-miżuri provvduti f'din id-Deċiżjoni huma bi qbil ma' l-opinjoni tal-Kumitat Veterinarju Permanenti,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

## Artikolu 1

It-test tal-Anness ma' din id-Deċiżjoni huwa miżjud mal-Anness tad-Deċiżjoni Nru 97/365/KE.

## Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, fis-6 ta' Lulju 2000.

Għall-Kummissjoni

DAVID BYRNE

Membru tal-Kummissjoni

<sup>(1)</sup> ĠU L 243, tal-11.10.1995, p. 17.

<sup>(2)</sup> ĠU L 289, tat-28.10.1998, p. 36.

<sup>(3)</sup> ĠU L 89, tal-4.4.1997, p. 39.

<sup>(4)</sup> ĠU L 89, tal-4.4.1997, p. 32.

<sup>(5)</sup> ĠU L 154, tat-12.6.1997, p. 41.

ANEXO — BILAG — ANHANG — ΠΑΡΑΡΤΗΜΑ — ANNEX — ANNEXE — ALLEGATO — BIJLAGE — ANEXO —  
LIITE — BILAGA

País : **REPÚBLICA ESLOVACA** — Land: **SLOVAKIET** — Land : **SLOWAKISCHE REPUBLIK** — Χώρα: **ΣΛΟΒΑΚΙΚΗ ΔΗΜΟΚΡΑΤΙΑ** — Country: **SLOVAK REPUBLIC** — Pays: **SLOVAQUIE** — Paese: **REPUBBLICA SLOVACCA** —  
Land: **SLOWAAKSE REPUBLIEK** — País: **REPÚBLICA ESLOVACA** — Maa: **SLOVAKIA** — Land: **SLOVAKIEN**

1	2	2	4	5
SK 13	Nestle Food s.r.o.	Prievidza	Prievidza	6
SK 15	Tauris Nitra s.r.o.	Mojmirovce	Nitra	6
SK 16	Lumas M a M a.s.	Nitra	Nitra	6
SK 19	Kabát s.r.o.	Madunice	Hlohovec	6